Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,284, 30 ta' Awissu, 2002
Taqsima B

A.L. 243 ta' l-2002

ATT DWAR DAZJU TAS-SISA
(CAP. 382)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Sostituzzjoni tal-Ħames Skeda fl-Att dwar Dazju tas-Sisa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu fil-qosor

1. It-titolu ta' dawn il-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Sostituzzjoni tal-Ħames Skeda fl-Att dwar Dazju tas-Sisa, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att ". Cap. 382

Sostituzzjoni tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att

2. Minflok il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att għandha tidħol din l-Iskeda li ġejja:—

"ĦAMES SKEDA

(Artikolu 13(4))

TAQSIMA A

Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli.

Għan

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-oġġetti dazjabbli li għalihom japplika l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

Tifsir

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "l-Att" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u li kull kliem ieħor għandu jkollu l-istess tifsir mogħti lilu bl-Att.

Reġistrazzjoni

4. (1) Applikazzjoni sabiex wieħed jirreġistra maħżen tas-sisa skond is-subartikolu (3) paragrafu (b) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att għandha ssir bil-miktub lill-Kontrullur u għandha tinkludi dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(b) l-istatus (proprjetarju esklussiv, soċjetà, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew status ieħor) tan-negozju ta' l-applikant;

(ċ) l-indirizz tal-fond li għandu jiġi reġistrat;

(d) pjanta tal-fond minn perit li tindika l-konfini u l-lok eżatt tiegħu;

(e) ix-xorta u d-deskrizzjoni ta' oġġetti dazjabbli li wieħed ikun bi ħsiebu jipproduċi;

(f) id-data li fiha l-applikant ikun bi ħsiebu jibda jipproduċi l-oġġetti dazjabbli;

(ġ) stima ta' kemm il-maħżen tas-sisa maħsub ikun jiflaħ jipproduċi għall-massimu fis-sena.

Il-Kontrollur għandu jżomm reġistru elettroniku ta' persuni li huma kustodji ta' maħżen awtorizzati kif ukoll ta' maħżen tas-sisa.

(2) (i) Il-Kontrollur għandu jżomm database elektroniku li fih għandu jkun hemm reġistru ta' persuni li huma kustodji ta' maħżen awtorizzati jew negozjanti reġistrati għall-finijiet ta' sisa kif ukoll reġistru ta' dawk il-fondi awtorizzati bħala maħżen tas-sisa; u

(ii) Dan ir-reġistru għandu jinkludi fih dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) In-numru ta' identifikazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti għar-rigward tal-persuna jew fond;

(b) L-isem u l-indirizz tal-persuna jew fond;

(c) Il-kategorija ta' l-oġġetti li jistgħu jinżammu jew riċevuti mill-persuna jew fil-fond;

(d) L-indirizz ta' l-awtoritajiet kompetenti li jistgħu jiġu kkuntatjati għal aktar informazzjoni;

(e) Id-data ta' ħruġ u, fejn hu propju, d-data ta' kanċellament ta' validita' tan-numru ta' identifikazzjoni.

(iii) Id-*data* kollha tintuża biss biex tiġi identifikata l-awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni jew mod ieħor tal-persuna jew fond.

(iv)Il-Kontrollur għandu jassigura li persuni mdaħħla fil-muviment ta' oġġetti li huma soġġetti għall-dażju tas-sisa huma permessi li jottienu l-informazzjoni miżmuma taħt it-termini ta' din is-sezzjoni.

(v) Kull informazzjoni mgħoddija fi kwalunkwe forma bis-saħħa ta' din is-sezzjoni hija ta' natura konfidenzjali. Din l-informazzjoni għandha tkun koperta bl-obbligu tas-sigriet professjonali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni simili taħt il-liġijiet relevanti ta' Malta.

Il-Kontrollur jista' jirrifjuta applikazzjonijiet

5. Il-Kontrullur jista' jirrifjuta li jaċċetta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' maħżen tas-sisa f'isem persuna li tkun instabet ħatja ta' xi reat taħt l-Att, u kull reġistrazzjoni ta' maħżen tas-sisa ma jibqax ikollha seħħ mal-kundanna tal-persuna li f'isimha il-maħżen tas-sisa jkun reġistrat.

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

6. (1) Il-Kontrullur għandu joħroġ f'isem l-applikant ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwar kull maħżen tas-sisa separat reġistrat kif imiss f'konformità ma' dik l-applikazzjoni.

(2) Il-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull obbligu min-naħa ta' l-applikant li jikseb kull liċenzi jew permessi kif meħtieġa b'xi liġi oħra u fejn il-Kontrullur iqis xieraq, dak iċ-ċertifikat ma għandux jinħareġ qabel ma l-applikant ikun kiseb il-liċenzi jew permessi rilevanti.

(3) Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jibqa' l-proprjetà tal-Kontrullur.

(4) Kull ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jinħareġ għandu jinżamm fuq il-fond li għalih ikun jirreferi u għandu jintwera meta jintalab biex jiġi spezzjonat mill-uffiċjal inkarigat.

(5) Kull ċirkostanzi mibdula li jolqtu l-partikolaritajiet imsemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti min-naħa tal-kustodju ta' maħżen reġistrat jew il-persuna li f'isimha jkun reġistrat il-maħżen tas-sisa għandhom jiġu notifikati minnufih lill-Kontrullur u dan ta' l-aħħar jista' jemenda ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew jissostitwixxih b'wieħed ġdid. In-nuqqas min-naħa tal-kustodju ta' maħżen reġistrat li jinnotifika lill-Kontrullur b'kull bidla jew bidliet sostanzjali li jolqtu l-imsemmija partikolaritajiet jannulla ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

(6) Il-Kontrullur jista', meta jara li jkun hemm għalfejn, ivarja l-partikolaritajiet meħtieġa fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni basta

jingħata avviż ta' erbatax-il jum bil-miktub lill-kustodju ta' maħżen reġistrat li fih jgħarrfu b'dawn il-varjazzjonijiet.

Notifika lill-Kontrollur

7. (1) Il-kustodju ta' maħżen reġistrat għandu jinnotifika lill-Kontrullur bit-temm tal-produzzjoni jew l-intenzjoni li jitemm il-produzzjoni f'xi maħżen tas-sisa reġistrat f'ismu.

(2) Meta l-Kontrullur ikun sodisfatt li kustodju ta' maħżen reġistrat jkun temm il-produzzjoni ta' oġġetti dazjabbli f'xi maħżen tas-sisa, huwa jista' jirrevoka r-reġistrazzjoni tal-maħżen tas-sisa rilevanti f'kull żmien.

Meta jkunu prodotti dazjabbli.

Kap. 41

8. Għall-fini ta' l-artikolu 2 ta' l-Att, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att u l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza ta' l-Ispirti u kull disposizzjonijiet speċifiċi oħra għal oġġetti partikolari msemmija x'imkien ieħor f'dawn ir-regolamenti jew regolamenti oħra, maħżen tas-sisa jitqies li jkun qed jipproduċi oġġetti dazjabbli meta jsir xi proċess minn dawn li ġejjin:

(i) ksib ta' oġġetti dazjabbli minn xi sustanza jew sors naturali b'xi metodu; jew

(ii) ksib ta' deskrizzjoni waħda ta' oġġetti dazjabbli minn oġġetti oħra b'estrazzjoni, frazzjonar, distillazzjoni, fermentazzjoni, taħwid, dilwiment, taħlit, muntaġġ, żieda jew xi proċess ieħor; jew

(iii) ippakkjar ta' oġġetti dazjabbli prodotti jew importati in massa f'xi koll:

Iżda meta xi proċess minn dawn isir f'maħżen ta' depożt tal-Gvern, ma tkunx meħtieġa reġistrazzjoni.

Ħlas ta' dazju u pleġġ

9. (1) Il-persuna, ditta, soċjetà jew kumpannija li f'isimha jkun reġistrat il-maħżen tas-sisa tkun responsabbli għall-ħlas ta' dazju tas-sisa kif speċifikat fl-artikolu 3 ta' l-Att, fiż-żmien li jsir dovut li jsir il-ħlas. Dan il-ħlas għandu jsir fid-Dwana jew f'kull post ieħor stabbilit b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, fuq formola ta'dikjarazzjoni li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li l-Kontrullur jista' jeħtieġ jew li jistgħu xort'oħra jiġu preskritti taħt l-Att.

(2) Il-Kontrullur jista', sabiex jipproteġi l-erarju, jeħtieġ pleġġ mingħand il-kustodju ta' maħżen reġistrat fl-għamla ta' somma ta' flus depożitata fid-Dipartiment tad-Dwana, jew f'xi għamla oħra aċċettabbli għall-Kontrullur, għal ammont ta' mhux iżjed mid-dazju stmat minn qabel li jsir dovut matul il-perijodi bejn iż-żminijiet li fihom isiru l-ħlasijiet.

Kif għandu jsir il-ħlas ta' dazju.

10. Id-dazju tas-sisa dovut fuq oġġetti rilaxxati minn stazzjonijiet tad-Dwana jew imħażen ta' depożt kontrollati mid-Dwana għandu jitħallas qabel ma dawk l-oġġetti jiġu rilaxxati. F'każijiet oħra, id-dazju tas-sisa għandu jitħallas qabel ma dawk l-

oġġetti jiġu rilaxxati jew perjodikament skond kif jippermetti l-Kontrullur fuq l-oġġetti rilaxxati matul perijodu speċifiku skond id-direttiva tiegħu. Fl-assenza ta' dik id-direttiva d-dazju għandu jitħallas mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara l-aħħar Ħadd ta' kull xahar kalendarju, liema ħlasijiet ikunu jkopru d-dazju kollu dovut fuq l-oġġetti rilaxxati għall-konsum sa dak il-Ħadd.

Stima ta' dazju

11. Id-dazju għandu jiġi stmat fuq il-kwantità bħala *units*, kilogrammi netti, jew litri jew litri @ 15° C. kif xieraq u fejn applikabbli, fuq il-qawwa alkoholika jew gravità speċifika, kif speċifikat fl-iskedi li jinsabu ma' l-Att, rilevanti għall-oġġetti partikolari.

Iż-żamma u l-ġarr ta' oġġetti dazjabbli

12. (1) Ħlief kif provdut xort'oħra b'xi liġi, oġġetti dazjabbli prodotti f'Malta jistgħu jinżammu mill-kustodju ta' maħżen reġistrat taħt sospensjoni tad-dazju fil-konfini ta' maħżen tas-sisa reġistrat.

(2) Dawn l-oġġetti jistgħu jinġarru taħt sospensjoni tad-dazju minn stabbiliment ta' produzzjoni reġistrat għal maħżen tas-sisa ieħor jew maħżen ta' depożt approvat jew minn maħżen ta' depożt approvat għal maħżen tas-sisa reġistrat jew maħżen ta' depożt approvat ieħor u minn dak il-maħżen tas-sisa jew maħżen għal post ta' tagħbija għall-esportazzjoni bħala merkanzija jew bħala provvisti ta' abbord jew għall-konsenja lil persuni eżentati kif provdut fl-artikolu 14 ta' l-Att.

(3) Il-ġarr tali kollu ta' oġġetti dazjabbli mingħajr il-ħlas tad-dazju huwa, kemm-il darba l-Kontrullur ma jippermettix mod ieħor, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-oġġetti għandhom jiġu trasportati f'kontenituri jew kolliji protetti b'għamla ta' siġill approvat mill-Kontrullur jew taħt skorta tad-Dwana, skond id-direttiva tal-Kontrullur fil-każ il-wieħed u l-ieħor; u

(*b*) l-oġġetti għandhom ikollhom magħhom dokument, iffirmat minn min jikkonsenja u approvat mill-Kontrullur, li għandu jispeċifika l-post minn fejn mibgħuta u l-post għalih konsenjat u l-kwantità u d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti; u

(*ċ*) dak id-dokument għandu jiġi ffirmat mill-kunsinnatarju li jiċċertifika li rċieva l-oġġetti jew; fil-każ ta' imbark, mill-uffiċjal inkarigat li jiċċertifika li rċieva l-oġġetti abbord; u

(*d*) id-dazju dovut fuq l-oġġetti għandu jkun protett b'dak il-mod li l-Kontrollur jista' istabbilixxi.

Kulur u marka

13. (1) Il-Kontrullur jista' jeħtieġ li kull oġġetti dazjabbli jingħataw kulur u marka permezz ta' *bands* jew *tags* jew mezzi oħra skond id-direttiva tal-Kontrullur jew skond kif jista' jiġi preskritt taħt l-Att.

(2) Ebda oġġetti dazjabbli ma għandhom jiġu rilaxxati għall-konsum kemm-il darba ma jkollhomx fuqhom dik il-marka jew dak il-kulur.

Meta għandhom jingħataw il-kulur u l-marka.

14. L-għoti tal-kulur u l-immarkar ta' oġġetti dazjabbli, meta dawk l-oġġetti ma jkunux ġew importati diġà hekk kuluriti jew immarkati, għandu jsir taħt is-sorveljanza tad-Dwana jew skond id-direttiva tal-Kontrullur, u l-ispejjeż għall-attendenza ta' uffiċjali tad-Dwana biex jissorveljaw dak ix-xogħol għandhom jitħallsu mill-kustodju ta' maħżen reġistrat bir-rati prevalenti skond dawk ir-regolamenti li jistgħu isiru taħt l-Att jew l-Ordinanza tad-Dwana.

Kap. 37

Żamma ta' *records* u kontijiet

15. Il-kustodju ta' maħżen reġistrat ta' l-oġġetti dazjabbli għandu iżomm *records* u kontijiet kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti jew kif preskritt xort'oħra u huma marbutin li jkkonservaw dawk ir-*records* għal sitt snin jew dak il-perijodu iqsar li l-Kontrullur jista' jippermetti.

Rendikontijiet.

16. Il-kustodju ta' maħżen reġistrat għandu jipproduċi lill-Kontrullur:

(i) rendikont perijodiku li jagħti d-dettalji ta' kull bejgħ jew konsenja u ħruġ ieħor ta' oġġetti dazjabbli maħruġa mill-maħżen tas-sisa jew maħżen ta' depożt matul perijodu kif stabbilit mill-Kontrullur u f'dik l-għamla li l-Kontrullur jista' jordna jew kif xort'oħra preskritt dwar l-oġġetti dazjabbli partikolari;

(ii) rendikont verifikat għal kull perijodu ta' *accounting* iċċertifikat minn uditur pubbliku ċertifikat, dwar kull produzzjoni, ħażniet miżmuma fil-maħżen tas-sisa u bejgħ ta' oġġetti dazjabbli magħmul matul il-perijodu ta' *accounting*, fil-każ ta' kustodju ta' maħżen reġistrat, u li jkun fih dik l-informazzjoni li tkun preskritta dwar oġġetti dazjabbli partikolari;

(iii) rendikont verifikat għal kull perijodu ta' *accounting*, iċċertifikat minn uditur pubbliku ċertifikat, dwar kull introduzzjoni, ħażniet miżmuma fil-maħżen tas-sisa li ma jkunx maħżen ta' depożt tal-Gvern u bejgħ, ħruġ jew konsenji oħra ta' oġġetti dazjabbli magħmula matul il-perijodu ta' *accounting*, fil-każ ta' kustodju ta' maħżen tas-sisa, u li jkun fih dik l-informazzjoni li tista' tiġi preskritta dwar oġġetti partikolari;

(iv) iż-żmien ta' perijodu ta' *accounting* ikun ta' sitt xhur jew dak il-perijodu itwal li l-Kontrullur jista' jippermetti jew kif jista' xort'oħra jiġi preskritt u r-rendikont verifikat għandu jasal għand il-Kontrullur fi żmien tletin jum wara tmiem ta' kull perijodu ta' *accounting* li jkun qed jiġi rrapportat dwaru.

Oġġetti li dwarhom ma jkunx imgħata rendikont

17. (1) Oġġetti dazjabbli, relattivament għal xi perijodu ta' *accounting*, li jkunu ġew reġistrati li ġew prodotti jew imdaħħla f'maħżen tas-sisa u li ma jkunux sodisfaċentement murija li jkunu nbiegħu jew leġittimament imneħħija mill-maħżen tas-sisa u li fuqhom ma jkun tħallas ebda dazju għandhom jitqiesu bħala oġġetti li ma jkunx imgħata rendikont tagħhom u l-Kontrullur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed kontra l-kustodju ta' maħżen reġistrat skond l-Att jew xi liġi oħra, jippermetti l-ħlas tad-dazju dovut fuq id-diskrepanza.

(2) Il-kustodji ta' mħażen awtorizzati jkunu eżenti mid-dazju dwar telf li jsir taħt arranġamenti sospensivi, li huma attribwiti għall-ġrajjiet fortuiti w stabbiliti mill-Kontrullur. Huma jkunu eżenti wkoll, taħt arranġamenti sospensivi, dwar telf inerenti fin-natura tal-prodotti waqt produzzjoni jew proċessar, magazzinaġġ u trasport. Il-Kontrullur għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet taħt xiex dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw.

TAQSIMA B

Regolamenti dwar l-Alkohol u x-Xorb Alkoholiku

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar l-Alkohol u x-Xorb Alkoholiku. Titolu

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-alkohol u l-prodotti alkoholiċi speċifikati bħala oġġetti dazjabbli bl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa. Għan

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "l-Att" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, u kull frażi oħra għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att. Tifsir

4. (1) Kull persuna li tkun kustodju ta' maħżen reġistrat fl-oġġetti speċifikati fir-regolament 2 għandha tikkonforma mal-ħtiġiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Ordinanza ta' l-Ispirti. Konformità ma' l-Ordinanza ta' l-Ispirti. Kap 41

(2) Id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1974 dwar ix-Xorb Alkoholiku u ta' kull regolament ieħor magħmul taħt l-Ordinanza ta' l-Ispirti għandhom japplikaw, sal-limitu mhux xort'oħra provdut fir-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli jew dawn ir-regolamenti, għax-xorb alkoholiku elenkat fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att u li huma wkoll speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att. Kap 41

5. (1) Kull persuna li tipproduċi l-oġġetti speċifikati fir-regolament 2 għandha, b'żieda ma' l-obbligi imposti bl-Ordinanza ta' l-Ispirti, tirreġistra kull maħżen tas-sisa li fih jiġu prodotti jew ikunu maħsuba biex jiġu prodotti oġġetti bħal dawk skond l-artikolu 9 ta' l-Att u kif regolat bir-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli. Reġistrazzjoni Kap. 41

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l- artikolu 9 ta' l-Att japplikaw biss sal-limitu permess bl-Ordinanza ta' l-Ispirti dwar l-alkohol u l-prodotti ta' l-alkohol. Kap. 41.

6. Il-Kontrullur għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni skond ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli u jista' jżomm il-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat jew jirrevoka l-istess ċertifikat jekk l-applikant jonqos milli jikkonforma mal-ħtiġiet imposti bl-Ordinanza ta' l-Ispirti. L-applikant għandu jikkonforma ma' l-Ordinanza ta' l-Ispirti Kap 41.

Riferenza ghad-dazju fuq spirti fl-Ordinanza ta' l-Ispirti. Kap. 41.

7. Kull riferenza fl-Ordinanza ta' l-Ispirti għad-dazju li għandu jitħallas fuq spirti għandhom jittieħdu li jirreferu wkoll għad-dazju tas-sisa li għandu jitħallas taħt l-Att

Piena tat-taxxa

8. Id-dazju tas-sisa fuq Alkohol u Xorb Alkoholiku suġġett għad-dazju taħt l-Att isir imponibbli u jiġi stmat bir-rata prevalenti f'dak iż-żmien li l-ispirti jiġu rilaxxati għall-konsum

9. (1) Spirti importati meħuda f'maħżen tas-sisa għandhom jiġu trattati bl-istess mod u għandhom ikunu suġġetti għall-istess kondizzjonijiet li huma permessi jew imposti bit-Taqsima VI ta' l-Ordinanza ta' l-Ispirti fuq spirti distillati lokalment u l-persuna jew persuni responsabbli għal dawk l-ispirti għandhom icommu dawk ir-*records* kontemplati fl-imsemmija Ordinanza.

(2) F'każ ta' nuqqas il-persuna jew persuni responsabbli għal dawk l-ispirti jeħlu l-istess pieni kkontemplati taħt it-Taqsima VI ta' l-istess Ordinanza.

Sottomissjonijiet ta' rendikonti

10. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 9, il-kustodju ta' maħżen registrat għandu jissottometti lill-Kontrollur, mhux iktar tard minn tletin jum wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja, rendikont ċertifikat minn uditur pubbliku li jittestifika dan li ġej, kif ikun il-każ:

(i) il-kwantità f'litri ta' spirtu prodott matul il- perijodu rilevanti, bl-ispeċifikazzjoni tal-qawwa alkoholika u tat-tip ta' l-ispirtu;

(ii) il-kwantità f'litri ta' prodotti alkoholiċi prodotti matul il-perijodu rilevanti, bl-ispeċifikazzjoni tat-tip, tal-qawwa alkoholika u ta' jekk ikunux ġew miksuba b'dilwimiet, taħlit jew proċess ieħor;

(iii) il-produzzjoni minn kull operazzjoni ta' ibbottiljar għal kull prodott bl-ispeċifikazzjoni tan-numru ta' fliexken u ta' kemm jesgħu;

(iv) il-kwantità f'litri ta' spirti in massa miżmuma maħżuna, bl-ispeċifikazzjoni tat-tip u l-qawwa kif kienu fi tmiem il-perijodu rilevanti;

(v) il-kwantità f'litri ta' kull prodott alkoholiku ppakkjat miżmum maħżun fi tmiem il-perijodu rilevanti, bl-ispeċifikazzjoni tat-tip, qawwa u deskrizzjoni ta' ippakkjar;

(vi) il-kwantità f'litri ta' prodotti mibjugħa jew xort'oħra maħruġa mill-maħżen tas-sisa matul il-perijodu rilevanti, bl-ispeċifikazzjoni tax-xorta ta' transazzjoni;

(vii) il-kwantità f'litri ta' spirti jew prodotti alkoholiċi oħra imdaħħlin fil-maħżen tas-sisa, bl-indikazzjoni tas-sors matul il-perijodu rilevanti, u bl-ispeċifikazzjoni tat-tipi u qawwa;

(viii) il-kwantità ta' prodotti maħruġa mill-maħżen tas-sisa

manul il-perijodu rilevanti, bl-ispeċifikazzjoni tat-tipi tagħhom u ta' jekk il-prodotti jkunux ġew rilaxxati għall-konsum lokali, għall-esportazzjoni jew xort'oħra.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

TAQSIMA C

Regolamenti dwar it-Tabakk Manifatturat

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar it-Tabakk Manifatturat.

Tifsir

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar Dazju tas-Sisa;

"pakkett" tinkludi kull ħaġa li tgeżwer, kartuna, kaxxa, landa jew kontenitur ieħor li minnufih ġewwa fiha tagħlaq is-sigarretti;

"sigarretti" għandha l-istess tifsira bħal dik lilha mogħtija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"sigarri u *cigarillos*" għandha l-istess tifsira bħal dik lilha mogħtija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"tabakk ieħor għat-tipjip" għandha l-istess tifsira bħal dik lilha mogħtija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"Tariffa tad-Dwana" tirreferi għall-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni u kull Tariffa li tidħol minflokha. Kap 337.

Għan

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal tabakk, sostituti tat-tabakk u prodotti tagħhom li huma speċifikati bħala oġġetti dazjabbli skond l-Att.

Reġistrazzjoni ta' maħżen tas-sisa.

4. Ħadd ma għandu jimmanifattura, jipproċessa jew jipprepara għall-bejgħ xi sigarretti, sigarri jew prodotti oħra tat-tabakk kemm-il darba ma jitħarsux id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' l-Att.

Sigarretti sigillati b'faxxa.

5. (1) Ħadd ma jista' jipprepara għall-bejgħ, juri jew joffri għall-bejgħ, ibiegħ jew xort'oħra ineħħi xi sigarretti kemm-il darba dawn ma jkunux f'pakkett sigillat b'faxxa jew bolla kif provdut fir-regolament 6 jew 10 skond il-każ.

(2) Ħadd ma jista' jakkwista, iżomm għall-bejgħ, juri jew joffri

għall-bejgħ, jew ibiegħ xi sigarretti kemm-il darba dawn ma jkunux f'pakketti u jitħarsu d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Il-Kontrullur ikun jista' jeżenta bil-miktub mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi, kull sigarretti fabbrikati lokalment maħsuba biex jiġu esportati jew bħala provvista għall-bastimenti jew għall-bejgħ lil persuni eżentati bil-liġi jew taħt xi liġi mill-ħlas ta' dazju tas-sisa.

Is-sigarretti importati għandhom jiġu sigillati b'faxxa

6. (1) Ma għandhom jiġu rilaxxati mid-Dwana ebda sigarretti importati u ma għandhom jiġu rilaxxati minn maħżen tas-sisa ebda sigarretti kemm-il darba il-pakkett, kaxxa jew kontenitur li minnufih ġewwa fih jingħalqu s-sigarretti, ma jkunx ġie sigillat b'faxxa jew bolla imwaħħla b'dak il-mod li sabiex jinfetaħ dak il-pakkett, kaxxa jew kontenitur, dik il-faxxa jew boll ta' bilfors trid tiġi distrutta.

(2) Dawk il-faxex jew bolli jinħarġu mill-Kontrullur fuq talba li ssirlu mill-kustodju tal-maħżen awtorizzat ta' sigarretti bil-prezz ta' ħamsin ċenteżmu għal kull elf bolla.

Konfiska

7. Kull kwantità ta' sigarretti li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5 jew 6 għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Att jew b'xi liġi oħra, tiġi konfiskata favur il-Gvern.

Żmien u mod kif jitħallas id-dazju fuq sigarretti prodotti f'Malta.

8. Kull dazju tas-sisa li jingabar fuq sigarretti li jiġu manifatturati f'Malta għandu jitħallas mill-kustodju tal-maħżen reġistrat qabel ma jneħħi dawk is-sigarretti bil-mezz ta' bejgħ, depożitu jew kunsinna, jew b'kull mod ieħor li bih dawk is-sigarretti joħorġu mill-kontroll jew pussess tiegħu.

Żmien u mod kif jitħallas id-dazju fuq sigarretti importati.

9. (1) Kull dazju tas-sisa li jingabar fuq sigarretti importati għandu jitħallas qabel ma dawk is-sigarretti jiġu rilaxxati mid-Dwana, jew inkella jekk dawn jitqiegħdu f'maħżen tas-sisa, qabel ma jiġu rilaxxati minn dak il-maħżen.

(2) Ma għandhom jiġu rilaxxati ebda sigarretti importati mill-Kontrollur kemm-il darba l-kustodju ta' maħżen awtorizzat ma jiddikjarax bil-quddiem bil-miktub il-prezz bl-imnut rakkomandat għal kull pakkett ta' għoxrin sigarretti jew parti minn pakkett.

Kif jiġi indikat li sar il-ħlas fuq sigaretti manifatturati lokalment.

10. (1) Il-ħlas ta' dazju tas-sisa fuq sigarretti prodotti f'Malta għandu jiġi indikat billi ma' kull pakkett, kaxxa, kartuna jew kontenitur ieħor, titwaħħal faxxa jew bolla tad-denominazzjoni li tkun tirrappreċenta l-ammont ta' dazju dovut skond l-Att għal kull kwantità ta' sigarretti ta' mhux iktar minn għoxrin f'kull pakkett, kaxxa, kartuna jew kontenitur ieħor.

(2) Dawk il-faxex jew bolol għandhom jitwaħħlu mal-fetħa jew

skontru tal-fetħa li jkun hemm fil-pakkett, kaxxa, kartuna jew kontenitur ieħor b'dak il-mod li sabiex jinfetaħ dak il-pakkett, kaxxa jew kontenitur, dik il-faxxa jew bolla ta' bilfors trid tiġi distrutta.

(3) Dawk il-faxex jew bolol għandhom ikunu ta' l-għamla approvata mill-Kontrullur u għandhom jiġu formuti f'mazzi jew friexi ta' karta ta' mhux anqas minn ħames mitt faxxa jew bolla wara li jsir ħlas tal-valur attwali tagħhom fid-Dwana jew f'kull imkien ieħor li jiġi stabbilit mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Preżunzjoni dwar il-kwalità ta' prodotti manifatturati

11. Il-kwantità ta' tabakk li tirriżulta wara li jitnaqqsu t-total tal-kwantità ta' tabakk maħżun fil-maħżen tas-sisa, il-kwantità ta' prodotti reġistrati bħala manifatturati u l-kwantità ta' fdalijiet tat-tabakk li jitqiesu mhux tajbin għall-produzzjoni u li jkunu għadhom fil-maħżen tas-sisa, mill-kwantità reġistrata bħala li tkun ġiet introdotta fil-maħżen tas-sisa, għandha titqies bħala li tkun ġiet manifatturata fil-prodotti li għar-rigward tagħhom ikun reġistrat il-maħżen tas-sisa kemm-il darba l-kustodju ta' maħżen reġistrat ma jġibx prova kuntrarja b'sodisfazzjon tal-Kontrullur.

Records u dikjarazzjonijiet perjodiċi

12. (1) Il-kustodju ta' maħżen awtorizzat tat-tabakk u ta' prodotti tat-tabakk għandu jagħti lill-Kontrullur dikjarazzjoni li tkun turi, għar-rigward tal-produzzjoni ta' kull prodott, matul dak il-perjodu li l-Kontrollur jista' jippermetti jew hekk kif jista' jiġi preskritt:

(a) il-piż ta' tabakk tal-werqa, ta' sostituti tat-tabakk u ta' tabakk imqatta' jew imqatta' u mħallat iżda mhux manifatturat iktar minn hekk, li huwa jkollu fl-ewwel jum ta' perjodu bħal dak f'xi maħżen tas-sisa reġistrat f'ismu;

(b) il-piż ta' kull tabakk kif imsemmi qabel minnu akkwistat matul dak il-perjodu, billi jiddikjara mnejn ikun akkwistah;

(ċ) il-piż ta' kull tabakk kif imsemmi qabel mibjugħ jew mod ieħor imneħħi matul dak il-perijodu u lil min ikun inbiegħ jew għand min ikun tneħħa;

(d) il-kwantità ta' kull prodott minnu manifatturat matul kull perijodu bħal dak; u

(e) il-piż ta' fdalijiet li joħorġu mill-manifattura ta' kull prodott tat-tabakk matul kull perijodu bħal dak ġewwa maħżen tas-sisa reġistrat f'ismu.

(2) Dik id-dikjarazzjoni għandha tingħata lill-Kontrullur mhux iktar tard mill-wieħed u għoxrin jum tax-xahar li jiġi minnufih wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' kontijiet imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u għandha tiġi formulata biex turi t-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata, kif separatament klassifikat taħt il-kapi tabakk tal-werqa, sostitut tat-tabakk, tabakk importat imqatta', u tabakk importat maqtugħ u imħallat.

(3) Kull min jonqos milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn ħames mitt lira.

Records li għandhom jinżammu skond ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dażjabbli

13. Dawn ir-*records* li ġejjin għandhom jinżammu mill-kustodju ta' maħżen awtorizzat ta' prodotti tat-tabakk skond ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dażjabbli:

(a) ir-*records* kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tagħrif li hu meħtieġ li jingħata lill-Kontrullur skond ir-regolament li jiġi minnufih qabel dan, u

(b) dokumenti li għandhom x'jaqsmu mat-tqegħid fil-maħżen tad-Dwana u rilaxx mid-Dwana, fatturi, ordnijiet ta' konsenja u kull dokument ieħor li jkollu x'jaqsam ma' l-importazzjoni, akkwist, bejgħ, konsenja, esportazzjoni jew trasferiment ta' tabakk, sostituti tat-tabakk u prodotti tagħhom.

Pussess ta' prodotti tat-tabakk bi ksur ta' l-Att u tar-regolamenti

14. (1) Ħadd ma jista' jakkwista, kemm-il darba persuna ma tkunx eżenti bis-saħħa ta' l-artikolu 14 ta' l-Att, b'kull titolu li jkun jew ikollu fil-pusses tiegħu xi sigarretti f'kontenituri li magħhom ma tkunx twaħħlet dik il-faxxa jew bolla msemmija fir-regolament 6 jew 10.

(2) Ħadd ma jista' xjentement jakkwista, kemm-il darba persuna ma tkunx eżenti bis-saħħa ta' l-artikolu 14 ta' l-Att, b'kull titolu li jkun jew ikollu fil-pussess tiegħu sigarretti jew xi prodotti tat-tabakk ieħor li dwarhom id-dazju li jingabar, jew, ħlief għall-eżenzjoni mogħtija bis-saħħa ta' l-Att, li jkollu jingabar bis-saħħa ta' l-Att ma jkunx tħallas.

(3) Għall-għan tal-paragrafu li jiġi minnufih qabel dan, il-prodotti tat-tabakk li dwarhom ikun ġie permess il-pagament ta' ħlas lura għandhom jitqiesu li jkunu prodotti tat-tabakk li fuqhom ma jkunx tħallas dazju.

Sigarretti mibrumin bl-idejn

15. Skond l-artikolu 14 ta' l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal persuna li timmanifattura sigarretti mibrumin bl-idejn fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att, sakemm dawk is-sigarretti jiġu prodotti mit-tabakk jew sostituti tat-tabakk li fuqhom ikunu tħallsu id-dazju tas-sisa u ta' l-importazzjoni jew kull taxxa oħra, meta dan ikun japplika.

TAQSIMA D

Regolamenti dwar Żjut Minerali

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Żjut Minerali.

Għan

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għaż-żjut u gassijiet speċifikati bħala oġġetti dazjabbli bl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u kull fraži oħra għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att;

"temperatura osservata" tfisser it-temperatura tal-prodott li jkun ġie mkejjel, liema temperatura ma tkunx ġiet reċentement imbaxxija jew imtellgħa sabiex jiġi faċilitat il-passaġġ minn ġol-*pipelines* jew għal xi skop ieħor.

4. (1) Id-dazju tas-sisa fuq żjut tal-*petroleum* ta' densità ta' taħt 0.900 f'temperatura ta' 15° C għandu jiġi kkalkulat fuq kull 1000 litru ta' prodott f'temperatura ta' 15° C. Kif jiġi kkalkulat id-dazju.

(2) Id-dazju tas-sisa fuq gassijiet għandha tiġi kkalkulata fuq il-piż net f'kilogrammi.

5. Stallazzjonijiet ta' magazzinaġġ ta' żejt u gass tal-*petroleum* għandhom, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, jitqiesu li jkunu mħażen tas-sisa approvati jekk hekk approvati mill-Kontrullur, u kustodju ta' stallazzjoni ta' magazzinaġġ għandu xorta waħda jitqies li jkun kustodju ta' mħażen approvat. Stallazzjonijiet bħala maħżen ta' depożt

6. Pjanta dettaljata ta' l-istallazzjoni ta' magazzinaġġ għandha tiġi sottomessa lill-Kontrullur qabel tingħata approvazzjoni bħala maħżen tas-sisa, u ma għandha ssir ebda alterazzjoni lit-tankijiet ta' magazzinaġġ, lill-*pipelines*, lill-*inlet valves* jew *outlet valves* imqabbdin mat-tankijiet ta' magazzinaġġ jew mal-*pipeline*, qabel ma l-Kontrullur jiġi mgħarraf biha u jkun approvaha. Il-pjanti għandhom ikunu pjanti approvati mill-Kontrullur

7. (1) It-tankijiet ta' magazzinaġġ u t-tankijiet ta' servizz kollha għandhom ikunu kalibrati u l-kapaċità tal-*pipelines* kollha għandha tkun aċċertata għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur. It-tankijiet, eċċ., għandhom ikunu kalibrati.

(2) Kull żejt tal-*petroleum* prodott f'maħżen tas-sisa għandu jiġi storjat f'tankijiet kalibrati kif provdut fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u kull gass prodott għandu jiġi mkejjel u storjat b'dak il-mod li l-Kontrullur jista' jordna.

8. Kull żejt jew gass tal-*petroleum* importat għandu jiġi żbarkat minn fuq il-bastiment ta' importazzjoni taħt sorveljanza tad-Dwana u meta jiġi importat in massa għandu jitwassal permezz ta' *pipelines* approvati għat-tankijiet ta' magazzinaġġ li jkunu kalibrati kif speċifikat fir-regolament 7 jew xort'oħra mkejla għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur. Żbark ta' żejt jew gass importat

9. (1) Iż-żejt jew gass tal-*petroleum* li jinħarġ għal ġot-tankijiet ta' magazzinaġġ wara l-produzzjoni jew importazzjoni għandu jiġi mkejjel minn uffiċjal tad-Dwana sabiex tiġi aċċertata l-kwantità ta' żejt jew gass prodott jew importat qabel jsir xi ħrug minn dawk it-tankijiet. Kejl ta' żejt jew gass

(2) Il-kwantitajiet ta' żjut tal-*petroleum* għandhom jiġu mkejla fit-temperatura osservata u għandhom jiġu konvertiti għall-kwantitajiet relattivi tagħhom f'temperatura ta' 15° C bl-applikazzjoni tal-*volume correction coeffecient* proprju.

Taħlit ta' ċerti fuels.

10. (1) B'deroga tad-disposizzjoni (ii) tar-Regola 8 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli, it-taħlit ta' *fuel oil* ta' densità ta' 'l fuq minn 0.900 f'temperatura ta' 15° C ma' *diesel oil* għal skopijiet ta' *bunkering* jew sabiex jiġu sodisfatti l-ispecifikazzjonijiet mitluba minn xi klijent partikolari fih innifsu ma jikkostitwixxix produzzjoni ta' żjut tal-*petroleum*.

(2) It-taħlit ta' *fuel oil* ma' *diesel oil* għal skopijiet ta' *bunkering* jew skopijiet oħra għandu jsir biss kif dirett mill-Kontrullur u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huwa jista' jimponi.

(3) Ħlief kif provdut fil-paragrafu preċedenti ta' dan ir-regolament, żjut ta' densità differenti għandhom jiġu maħlulta biss f'maħżen tas-sisa reġistrata.

Rapporti.

11. (1) Il-kustodju ta' maħżen awtorizzat ta' żjut jew gassijiet tal-*petroleum* għandu jipproduċi lill-Kontrullur, mhux iktar tard minn ħamest ijiem wara l-aħħar Ħadd ta' kull xahar kalendarju, rapport li jiddikjara l-kwantità rispettiva ta' kull tip ta' żejt jew gass tal-*petroleum* prodott, il-kwantità ta' dawk il-prodotti maħżuna fil-maħżen tas-sisa, u l-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti rilaxxati għall-konsum lokali, bħala *bunkering fuel*, bħala merkanzija għall-esportazzjoni, jew għal xi destinazzjoni oħra koperta b'ordni ta' eżenzjoni, sa u matul il-perijodu li jagħlaq fl-aħħar Ħadd ta' kull xahar.

(2) Il-kustodju tal-maħżen reġistrat għandu jipproduċi lill-Kontrullur, mhux iktar tard minn ħamest ijiem wara l-aħħar Ħadd ta' kull xahar kalendarju, rapport li jiddikjara l-kwantità ta' kull tip ta' prodott imdaħħal fil-fond ta' depożt li jispeċifika d-data tat-tqegħid fid-depożt, il-bastiment ta' importazzjoni, il-kwantità ta' kull tip ta' prodott rilaxxat mill-fond ta' depożt għall-konsum lokali, għall-esportazzjoni bħala merkanzija, bħala *bunkering fuel*, jew għal xi destinazzjoni oħra koperta b'ordni ta' eżenzjoni.

(3) Fil-każ ta' ħruġ li jkun ħieles mid-dazju, ir-rapport ta' kull xahar speċifikat fil-paragrafi preżedenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandu jkun imsaħħaħ b'kopji tad-dokumenti ta' esportazzjoni jew dokumenti oħra ta' konsenja rilevanti għal transazzjonijiet bħal dawk.

Rendikonti.

12. (1) Mhux iktar tard minn tletin jum wara l-aħħar ta' Ġunju u l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena jew kif jiġi xort'oħra ordnat mill-Kontrullur, il-kustodju ta' maħżen awtorizzat għandu jissottometti lill-Kontrullur rendikont iċċertifikat minn uditur pubbliku li jkun fih dawn id-dettalji li ġejjin:

(*a*) il-kwantità f'tunnellati metriċi ta' żejt mhux maħdum jew gass estratt minn xi sors jew importat u mdaħħal fil-maħżen tas-sisa, bl-ispeċifikazzjoni tad-data u l-oriġini ta' kull dħul;

(*b*) il-kwantità f'kilogrammi jew litri, skond il-każ, ta' żejt u materjal ieħor importat jew xort'oħra miksub bħala materja prima għall-ipproċessar, bl-ispeċifikazzjoni tat-tip, id-densità f'temperatura ta' 15° C, id-data u l-bastiment ta' importazzjoni, ta' kull importazzjoni;

(ċ) il-kwantità ta' kull tip ta' żejt u gass prodott, bl-ispeċifikazzjoni tad-densità relattiva f'temperatura ta' 15° C ta' kull tip ta' żejt jew gass;

(d) il-kwantità ta' żejt u gass f'kilogrammi jew litri, skond il-każ, ikkonsmati mill-kustodju ta' maħżen awtorizzat għat-tisħin jew *fuelling* tal-makkinarju għall-proċess tal-produzzjoni;

(e) il-kwantità ta' kull tip ta' żejt u gass f'kilogrammi jew litri, skond il-każ, mibjugħ, esportat jew xort'oħra kkonsenjat mill-maħżen tas-sisa;

(f) il-kwantità ta' kull tip ta' żejt u gass prodott li jkun hemm maħżun fil-maħżen tas-sisa fi tmiem kull perijodu;

(g) il-bilanċ ta' żjut mhux maħduma jew żejt u materjal ieħor, miksubin bħala materja prima, li jkun għad hemm maħżuna fil-maħżen tas-sisa fi tmiem kull perijodu; u

(ħ) l-ammont ta' dazju tas-sisa mħallas matul il-perjodu li dwaru jsir ir-rapport.

(2) Il-kustodju tal-maħżen awtorizzat għandu jissottometti lill-Kontrullur, mhux iktar tard minn tletin jum wara l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena jew kif jiġi xort'oħra ordnat mill-Kontrullur, rendikont iċċertifikat minn *accountant* pubbliku li jkun fih dawn id-dettalji li gejjin:

(*a*) il-kwantità f'kilogrammi jew litri skond il-każ, ta' kull żejt jew gass imdaħħal fl-istallazzjoni jew maħżen, bl-ispeċifikazzjoni ta' kull tip ta' prodott, id-data tat-tqegħid fid-depożt u l-bastiment ta' importazzjoni jew sors ieħor;

(*b*) il-kwantità ta' kull tip ta' żejt u gass rilaxxat mill-istallazzjoni jew maħżen bħala bejgħ, bħala esportazzjoni, bħala *bunkering fuel* u bħala konsenji oħra, bl-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' transazzjoni;

(*ċ*) il-bilanċ tal-kwantitajiet ta' kull tip ta' żejt jew gass li jkun hemm maħżun fl-istallazzjoni jew maħżen fi tmiem is-sena; u

(*d*) l-ammont ta' dazju tas-sisa mħallas matul is-sena li dwarha jsir ir-rapport.

13. Dawn ir-*records* li ġejjin għandhom jinżammu mill-kustodju ta' maħżen awtorizzat skond ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar

Għandhom jinżammu *records* għall-finijiet tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli.

Oġġetti Dazjabbli:

(1) Ir-*records* kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni li hija meħtieġa li tingħata lill-Kontrullur skond ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Dikjarazzjonijiet tad-Dwana għad-dħul fid-depożi u ħruġ, fatturi, ordnijiet ta' konsenja u kull dokument ieħor li jkollu x'jaqsam ma' l-importazzjoni, akkwist, bejgħ, konsenji, esportazzjonijiet jew trasferiment ta' żjut, gassijiet u materja prima tal-*petroleum*.

Piena.

14. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11 u 12 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

Il-kustodju ta' maħżen awtorizzat għandu jipprovdi apparat tal-kejl, eċċ

15. Il-kustodju ta' maħżen awtorizzat huwa responsabbli li jipprovdi dak l-apparat tal-kejl, *gauges*, tabelli ta' kalibrar u ta' konversjoni, u kull strument jew għodda oħra li l-Kontrullur jista' jeħtieġ sabiex jiġu aċċertati l-kwantitajiet jew densitajiet relattivi ta' kull prodott u barra minn hekk għandu jagħti dawk il-faċilitajiet u għajnuna li l-Kontrullur jew l-uffiċjali delegati minnu jistgħu jeħtieġu, għall-eżaminar, jew ikkontjar jew għat-teħid ta' kampjuni ta' kull żejt jew gass fil-fond tal-kustodju ta' maħżen awtorizzat fejn ikun meħtieġ li jsir xogħol bħal dak fuq prodotti maħduma mill-kustodju ta' maħżen reġistrat jew miżmuma mill-kustodju ta' maħżen awtorizzat u dawk il-faċilitajiet għandhom jinkludu akkomodazzjoni raġonevoli għall-uffiċjali tad-Dwana delegati kif imsemmi qabel għal dak iż-żmien kollu li jkun meħtieġ għat-twettiq ta' dan ix-xogħol.

Ħlas tad-dazju.

16. Id-dazju tas-sisa dovut fuq żjut u gassijiet tal-*petroleum* rilaxxati għall-konsum mill-maħżen tas-sisa għandu jintbagħat lill-Kontrullur mhux iktar tard minn ħamest ijiem wara l-aħħar Ħadd ta' kull xahar kalendarju, liema ħlasijiet ikunu jkopru d-dazju kollu dovut fuq il-prodotti hekk rilaxxati sa dak il-Ħadd.

Markar fiskali ta' *Gas Oils* u Petrolju

Kap. 382

17. (1) Skond ir-regolamenti 13 u 14 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli, *Gas Oils* li jaqgħu taħt il-Kodiċi tal-*H.S.* 2710.19.41.00, 2710.19.45.00 u 2710.19.49.00 u Petrolju li jaqa' taħt il-Kodiċi tal-*H.S.* 2710.19.25.00 meta jinbiegħu jew jiġu fornuti taħt xi sospensjoni tad-dazju kif provdut fir-Raba' Skeda ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa għandhom jiġu mmarkati fiskalment.

Definizzjoni tal-marka fiskali kommuni

(2) (i) Din il-marka fiskali kommuni għandha tkun il-*Solvent Yellow 124*.

(ii) Il-livell ta' mmarkar ma għandux ikun inqas minn 6 mg. ta' din il-marka fiskali għal kull litru ta' żejt minerali.

(iii) L-isem xjentifiku hu *N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy)ethyl]-4-(phenylazo)aniline* u l-identifikazzjoni skond l-indiċi tal-Kuluri hu *Solvent Yellow 124*.

TAQSIMA E

Regolamenti dwar il-Birra

TAQSIMA I

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Birra.

2. Dawn ir-Regolamenti japplikaw għal birra kif imfissra fit-Tieni Skeda.

3. F'dawn ir-Regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra :

"perijodu ta' *accounting*" tfisser il-perijodu ta' kull sitt xhur li fit-tmiem tiegħu isir eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni u *stocktaking* bl-iskop li jingħata kont tal-mostijiet u birer prodotti matul dak il-perijodu;

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa; u

"immexxija għall-konsum" għandha tittieħed li tfisser li tagħmel disponibbli għal persuna naturali jew ġuridika, fuq it-territorju ta' Malta, kull birra suġġetta għad-dazju tas-sisa, meta l-birra titlaq kull arranġament magħmul mal-Kontrullur skond dawn ir-regolamenti li taħtu l-ħlas ta' dazju tas-sisa jiġi sospiż; u kull riferenza għal arranġament fejn id-dazju jinżamm sospiż għandha tittieħed li tirreferi għal arranġament magħmul skond dawn ir-Regolamenti li bih il-birra tista' tinżamm jew tingarr minn post għall-ieħor taħt kondizzjonijiet speċifikati minghajr il-ħlas ta' dazju.

TAQSIMA II

4. (1) Kull birrerija għall-fini ta'dawn ir-regolamenti għandha titqies li hi maħżen tas-sisa approvat jekk hekk approvata mill-Kontrullur, u manifattur tal-birra għandu xorta waħda jitqies li jkun kustodju ta' mħażen approvat.

(2) Applikazzjoni biex wieħed jirreġistra birrerija skond l-artikolu 9 ta' l-Att għandha ssir bil-miktub lill-Kontrullur u għandha tinkludi dawn il-partikolaritajiet li ġejjin –
(*a*) isem l-applikant;
(*b*) l-*istatus* (proprjetarju esklussiv, soċjetà, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew *status* ieħor) tan-negozju ta' l-applikant;
(*ċ*) l-indirizz tal-fond li għandu jiġi reġistrat;
(*d*) pjanta tal-fond minn perit li tindika l-konfini u l-lok eżatt tiegħu;
(*e*) id-data li fiha l-applikant ikun bi ħsiebu jibda jipproduċi l-birra;
(*f*) stima ta' kemm il-birrerija maħsuba tkun tiflaħ tipproduċi għall-massimu fis-sena.

5. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' birrerija ma jiġux

aċċettati f'isem persuna li tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat taħt l-Att jew liġi mħassra bl-Att, u kull reġistrazzjoni ta' birrerija ma jibqax ikollha seħħ mal-kundanna tal-persuna li f'isimha l-birrerija tkun reġistrata.

6. (1) Il-Kontrullur jista' joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni għall-fond li għalih tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u għandu joħroġ ċertifikat separat jew reġistrazzjoni separata f'isem l-applikant, għal kull birrerija separata.

(2) Il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ikun mingħajr preġudizzju għal kull obbligu min-naħa ta' l-applikant li jikseb il-liċenzi u l-permessi kollha li jkunu meħtieġa taħt xi liġi oħra.

(3) Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jibqa' l-proprjetà tal-Kontrullur.

(4) Kull ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jinħareġ għandu dejjem jinżamm fuq il-fond li għalih ikun jirreferi u għandu jintwera meta jintalab biex jiġi spezzjonat mill-uffiċjal inkarigat.

(5) Kull ċirkostanzi mibdula li jolqtu l-partikolaritajiet imsemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-Regolamenti min-naħa tal-birrerija jew il-persuna li f'isimha tkun reġistrata l-birrerija għandhom jiġu notifikati minnufih lill-Kontrullur u dan ta' l-aħħar jista' jemenda ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew jissostitwih b'wieħed ġdid. In-nuqqas min-naħa tal-manifattur tal-birra li jinnotifika lill-Kontrullur b'kull bidla jew bidliet li jolqtu l-imsemmija partikolaritajiet jannulla ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

(6) Il-Kontrullur jista', meta jara li jkun hemm għalfejn, ivarja l-partikolaritajiet meħtieġa fuq Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni basta jingħata avviż ta' 14-il jum bil-miktub lill-manifattur tal-birra li fih jgħarrfu b'dawn il-varjazzjonijiet.

7. (1) Manifattur tal-birra għandu jinnotifika lill-Kontrullur bit-temm tal-produzzjoni jew l-intenzjoni li jtemm il-produzzjoni f'xi birrerija reġistrata f'ismu.

(2) Meta l-Kontrullur ikun sodisfatt li manifattur tal-birra jkun temm il-produzzjoni tal-birra f'xi birrerija, huwa jista' jirrevoka r-reġistrazzjoni tal-birrerija rilevanti f'kull żmien.

TAQSIMA III

Ħlas ta' dazju u plegg.

8. (1) Il-persuna, ditta, soċjetà jew kumpannija li f'isimha tkun reġistrata l-birrerija tkun responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa kif speċifikat fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, fiż-żmien li jsir dovut il-ħlas tad-dazju tas-sisa. Dan il-ħlas għandu jsir fid-Dwana jew f'kull post ieħor stabbilit b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, fuq formula ta' dikjarazzjoni li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolament taħt dan l-Att.

(2)Il-Kontrullur tad-Dwana jkun jista', sabiex jipproteġi l-erarju, jitlob pleġġ mingħand il-manifattur tal-birra fl-għamla ta' somma ta' flus depożitata fid-Dipartiment tad-Dwana, jew f'xi għamla oħra, aċċettabbli għall-Kontrullur, għal ammont ta' mhux iżjed mid-dazju stmat minn qabel li jsir dovut matul il-perijodi bejn iż-żminijiet li fihom isiru dovuti l-ħlasijiet.

(3) Ebda dazju ma għandu jitħallas fuq birra li titqies mill-manifattur bħala birra li mhix tajba għall-bejgħ u għalhekk ma titmexxiex għall-konsum, sakemm dik il-birra tinqered taħt is-superviżjoni tad-Dwana bil-permess miktub tal-Kontrollur u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu stabbiliti minnu.

(4) Dik il-birra bottiljata li jkun tħallas fuqha d-dazju tas-sisa u li, wara li titmexxa għall-konsum, titqies mill-manifattur tagħha li mhix tajba għall-bejgħ, tista' titneħħa mis-suq fil-kontenitur ewlieni siġillat u oriġinali tagħha u titreġġa' lura fil-birrerija mnejn tkun ġiet prodotta. Id-dazju tas-sisa mħallas fuqha għandu jingħata bi kreditu favur il-manifattur sakemm il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li l-kontenitur ewlieni u dak li jkun fih ma jkunux tbagħbsu w iktar li dik il-birra wara tinqered taħt superviżjoni tad-Dwana.

TAQSIMA IV

Il-mod ta' produzzjoni u meta tinbeda u meta titlesta

9. (1) Ħadd ma jista', jekk mhux bil-permess tal-Ministru, jipproduċi birra ħlief bil-proċess li bih il-birra tiġi prodotta mill-fermentazzjoni tal-most jew b'kull proċess li bih birra ta' densità jew gravità speċifika izgħar tinħareġ minn birra magħduda ukoll it-taħlit ta' birra ma' xorb mhux alkoholiku.

(2) Il-produzzjoni tal-birra, għall-fini ta' l-artikolu 4 ta' l-Att titqies li tkun bdiet meta ssir it-taħlita jew meta z-zokkor jinħall, skond liema jkun l-ewwel, u għandha titqies li tkun tlestiet ma' liema jkun l-ewwel minn dawn:

(a) il-ħin li l-birra tiġi b'kull mod bottiljata;

(b) il-ħin li l-birra titneħħa mill-birrerija;

(ċ) il-ħin li l-birra tiġi kkunsmata;

(d) il-bidu tas-seba' jum wara l-jum li fih tkun bdiet il-produzzjoni tal-birra.

(3) Għall-fini ta' dan ir-regolament "birra" għandha tinkludi birra mhux perfezzjonata.

TAQSIMA V

Iż-żamma u l-garr minn post għall-eħor tal-birra taħt sospensjoni tad-dazju.

10. (1) Il-birra prodotta f'Malta tista' tinżamm mill-manifattur tal-birra taħt sospensjoni tad-dazju fil-konfini ta' birrerija reġistrata.

(2) Din il-birra tista' tinġarr taħt sospenjoni tad-dazju minn birrerija reġistrata għal birrerija reġistrata oħra jew maħżen tas-sisa approvat jew minn maħżen tas-sisa approvat ieħor u minn dik il-

birrerija jew maħżen għal post ta' tagħbija għall-esportazzjoni bħala merkanzija jew bħala proviżjonijiet tal-bastiment kif provdut fl-artikolu 14 ta' l-Att.

(3) Il-ġarr tali kollu minn post għall-ieħor mingħajr il-ħlas tad-dazju huwa, kemm-il darba l-Kontrullur ma jippermettix mod ieħor, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-birra għandha tiġi trasportata f'kontenituri jew kollijiet protetti b'għamla ta' siġill approvat mill-Kontrollur jew taħt skorta tad-Dwana, skond id-direttiva tal-Kontrollur fil-każ il-wieħed u l-ieħor ;

(b) il-birra għandu jkollha magħha dokument, iffirmat minn min jikkonsenja u approvat mill-Kontrullur, li għandu jispeċifika l-post minn fejn mibgħuta u l-post għalih konsenjata u l-kwantità u d-deskrizzjoni tal-birra;

(*ċ*) dak id-dokument għandu jkun iffirmat mill-kunsinnatarju li jiċċertifika li rċieva l-birra jew fil-każ ta' imbark, mill-uffiċjal inkarigat li jiċċertifika li rċieva l-birra abbord.

TAQSIMA VI

Kwantità li fuqha jitħallas id-dazju, l-istima u l-ħlas tad-dazju

11. (1) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, il-kwantità ta' birra prodotta li fuqha jitħallas id-dazju tkun dik li l-mostijiet magħmula kienu maħsuba li jipproduċu bħala birra perfezzjonata wara li jsir tnaqqis għall-ħela. Dan it-tnaqqis għandu jkun 10% tal-volum likwidu tal-most wara li dan ikun inġieb għal-livell tal-gravità oriġinali tal-birra intenzjonata.

(2) Id-dazju fuq il-kwantità ta' birra mmexxija għall-konsum f'perijodu speċifiku għandu jitqies, skond l-artikolu 3 ta' l-Att, fuq il-volum f'ettolitri ta' birra kif stabbilit fiż-żmien tal-ħruġ għall-konsum, anke jekk dik il-kwantità teċċedi l-kwantità ta' birra kalkulata skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament li tkun ġiet prodotta f'konnessjoni ma' l-istess perijodu.

(3) Il-ħlasijiet fix-xahar ta' dazju tas-sisa fuq il-birra għandhom isiru fuq il-formula tad-dazju li qiegħda għal hekk u għandhom jintbagħtu lill-Kontrullur fi żmien ħamest ijiem wara l-aħħar ħadd ta' kull xahar kalendarju liema ħlasijiet ikunu jkopru d-dazju kollu dovut sa dak il-ħadd, fuq il-kwantità ta' birra mmexxija għall-konsum matul dak il-perijodu.

(4) Għal skopijiet ta' dazju l-gravità oriġinali tal-birra għandha tiġi espressa fi gradi Plato. Meta jkun qed jiġi stmat id-dazju fuq birra prodotta f'Malta l-gravità oriġinali tal-birra għandha tiġi stabbilita billi jintużaw it-tabelli għall-konverżjoni ta' mostijiet, u skond it-tifsiriet li hemm, fl-Iskeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(5) Ebda birra ma għandha titmexxa għall-konsum jew għal

ċirkolazzjoni libera kemm-il darba l-gravità oriġinali u, jew, l-alkoħol skond il-volum u l-volum tal-birra ma jkunux imnizzla fuq il-pakk innifsu.

(6) Għall-finijiet tal-ħlas ta' dazju fuq il-birra skond dan l-Att, il-volum u l-gravità oriġinali fi gradi Plato tal-birra mmexxija għall-konsum jew għal ċirkolazzjoni libera, għandha tkun l-oġħla minn:

(*a*) dawk dikjarati fuq it-tikketta tal-kontenitur,

(*b*) dawk dikjarati fuq il-fattura jew dokument ieħor li jkollu x'jaqsam mal-bejgħ jew il-kunsinna tal-birra,

(*ċ*) dawk li jirriżultaw b'mezzi analitiċi lill-Kontrullur.

TAQSIMA VII

Żamm ta' *records* u kontijiet

12. Il-manifattur tal-birra għandu jżomm *records* u kontijiet li jkun fihom id-dettalji speċifikati fl-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u huwa obbligat li jżomm dawk ir-*records* għal sitt snin jew dak il-perijodu iqsar kif il-Kontrullur jista' jippermetti.

13. Il-manifattur tal-birra għandu jipproduċi lill-Kontrullur –

(*a*) fl-ewwel jum tax-xogħol wara kull Ħadd, rendikont ta' kull ġimgħa li jagħti d-dettalji ta' kull bejgħ jew konsenja u ħruġ ieħor ta'birra maħruġa mill-birrerija matul il-ġimgħa preċedenti u l-bilanċ ta' ħażniet ta' birra miżmuma fil-birrerija f'dik il-forma kif jista' jistabbilixxi l-Kontrullur, u

(*b*) rendikont ta' kull sitt xhur għal kull perijodu ta' *accounting* kif speċifikat fis-sub-paragrafi li ġejjin minnufih:

(i) Il-perijodi ta' *accounting* għandhom ikunu ta' sitt xhur u kull wieħed għandu jibda fl-1 ta' April u fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bejn il-manifattur tal-birra u l-Kontrullur.

(ii) Mhux aktar tard minn tletin jum wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' *accounting*, il-manifattur tal-birra għandu jħejji u jipproduċi lill-Kontrullur rendikont li miegħu għandu jkun hemm rapport magħmul minn Awditur Pubbliku Certifikat indipendenti relattivament għall-produzzjoni tal-mostijiet kollha u l-produzzjoni, il-ħażniet miżmuma fil-birrerija u l-bejgħ ta' birra għall-perijodu ta' *accounting* li jkun qed jiġi trattat fir-rapport, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

14. (1) Birra, relattivament għal perijodu speċifikat ta' *accounting*, titqies li ma jkunx ingħata rendikont tagħha u għalhekk għandu jitħallas id-dazju fuqha meta jirriżulta ż-żejjed wara li tiġi tnaqqsa s-somma ta' -

(a) il-kwantità ta' birra rapportata bħala mmexxija għall-konsum;

(b) il-kwantità ta' birra maħruġa biex tiġi imbarkata kif imfisser fl-artikolu 14 ta' l-Att;

(ċ) il-kwantità ta' birra distrutta skond l-artikolu 14 ta' l-Att;

(d) il-kwantità netta ta' birra maħżuna fil-birrerija għal dak il-

perijodu; u

(e) kwantità oħra, jekk ikun hemm, ta' birra reġistrata bħala li ġiet imħallta ma' xorb mhux-alkoholiku mill-kwantità ta' birra li l-most kien meqjus li jipproduċi kif imfisser fis-subregolament (1) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti relattivament għall-istess perijodu.

(2) Fil-każ ta' diskrepanza li tista' turiżulta wara t-tqabbil tal-kwantitajiet ta' birra prodotta mal-birra maħruġa mill-birrerija li biha jinstab li jkun hemm kwantità ta' birra li ma jkunx ingħata rendikont tagħha skond l-aħħar paragrafu qabel dan, il-Kontrullur jista', mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed kontra l-manifattur tal-birra jew xi persuna oħra in vista tad-disposizzjonijiet ta' l-Att jew kull liġi oħra, jippermetti lill-manifattur tal-birra jħallas dik is-somma ta' flus li tkun ekwivalenti għad-dazju dovut fuq dik id-diskrepanza.

SKEDA I
(Regolament 12)

Għandhom jinżammu *records* ta':

1. Materja prima wżata fil-produzzjoni tal-birra li tikkontribwixxi għall-gravità oriġinali tal-birra.
2. Numru ta' identifikazzjoni konsekuttiv u d-data għal kull fermentazzjoni.
3. Il-volum likwidu ta' kull most f'ettolitri b'densità speċifikata.
4. Il-volum likwidu tal-birra prodotta minn kull most bl-ispeċifikazzjoni tat-temperatura u tal-gravità oriġinali tagħha.
5. Kull introduzzjoni ta' birra fit-tankijiet ta' ħażna bl-ispeċifikar tal-fermentazzjoni li ġiet derivata minnha.
6. Il-bilanċ totali f'ettolitri ta' birra f'kull tank ta' ħażna bl-ispeċifikar tal-gravità oriġinali tagħha u ta' f'liema temperatura jkun ikkalkulat il-volum.
7. Il-kwantità f'ettolitri ta' birra bottiljata fi fliexken, laned, barlotti u kontenituri oħra għal kull biċċa xogħol ta' ippakkjar.
8. Ħażniet ta' birra bottiljata miżmuma fil-birrerija bl-ispeċifikazzjoni tat-tipi u l-marki tal birra.
9. Il-bejgħ kollu tal-birra bl-ispeċifikazzjoni tal-kwantitajiet u t-tipi u l-marki tal birra.
10. Tneħħija oħra ta' birra mill-birrerija bl-ispeċifikazzjoni tal-kwantitajiet, tipi u marki u fejn ittieħdet.
11. Storja dettaljata tal-birra mhux tajba għall-bejgħ bl-indikazzjoni ta' l-oriġini, tip u marka, gravità oriġinali, kwantità u jekk ġietx distrutta jew le taħt is-sorveljanza tad-Dwana.

SKEDA II
(Regolament 13)

Dettalji li huma meħtieġa li jiġu mdaħħla fir-rendikont ta' kull sitt xhur:

1. In-numru ta' identifikazzjoni u d-data ta' kull most magħmul.
2. Il-gravità speċifika ta' kull most.
3. Il-volum f'ettolitri ta' kull most magħmul fl-aħħar gravità speċifika qabel ma l-

most jitqiegħed biex jiffermenta bl-ispeċifikazzjoni tal-gravità speċifika.

4. It-tip u għamla ta' birra li kull most kienet maħsuba li tipproduċi.
5. Il-volum attwali f'ettolitri li jispeċifika l-gravità speċifika għal kull tip u għamla ta' birra prodotta.
6. Il-kwantità f'ettolitri ta' kull tip u għamla ta' birra mmexxija għall-konsum f'Malta.
7. Il-kwantità f'ettolitri ta' kull tip u għamla ta' birra mneħħija mill-birrerija għal skop li mhux it-tmexxija għall-konsum f'Malta, billi jiġi indikat għaliex tkun saret dik it tneħħija.
8. Il kwantità f'ettolitri ta' birra bottiljata maħżuna fil birrerija.
9. Il kwantità f'ettolitri ta' birra mhux bottiljata maħżuna fil birrerija.
10. Il-kwantità ta' birra li mhix tajba għall-bejgħ miżmuma jew imreġġgħa lura fil-birrerija matul iż-żmien li jkun qed isir rapport dwaru.
11. L-ammont totali ta' dazju dovut fuq il birra matul il perijodu ta' *accounting* ta' sitt xhur li jkun qed isir rapport dwaru.
12. Kull dettall ieħor meħtieġ mill Kontrollur.

SKEDA III
(Regolament 11(4))

F'din l-Iskeda:-

(*a*) Gradi Plato għandhom -

(i) jiġu stabbiliti billi tiġi konvertita l-gravità speċifika tal-most billi jintużaw it-Tabelli ta' Konverżjoni ta' Mostijiet jew l-ekwazzjonijiet pubblikati b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att; u

(ii) jitqiesu bħala li jirreferu għall-gravità speċifika tal-most espressa skond l-Iskala Plato;

(*b*) "il-gravità speċifika tal-most" għandha titqies li tfisser il-proporzjon tal-piż ta' volum speċifikat ta' most f'temperatura ta' 20 grad ċentigradu; u

(*ċ*) "gravità oriġinali" għandha titqies bħala li tirriferixxi għall-gravità speċifika ta' most li minnha birra partikolari tiġi prodotta wara li seta' jkun żdied xi ilma matul il-proċess.

TABELLA TA' KONVERŻJONI TA' MOSTIJIET

GRAVITÀ SPEĊIFIKA, 20°/20°C, FL-ARJA, GĦAL % piż/piż SUCROSE, IN VACUO (°BALLING, °BRIX JEW °PLATO)

Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w
1.000	0.000	1.021	5.330	1.042	10.475	1.063	15.439
1.001	0.257	1.022	5.580	1.043	10.716	1.064	15.671
1.002	0.514	1.023	5.828	1.044	10.956	1.065	15.903
1.003	0.770	1.024	6.077	1.045	11.195	1.066	16.134
1.004	1.026	1.025	6.325	1.046	11.435	1.067	16.365
1.005	1.283	1.026	6.512	1.047	11.673	1.068	16.595
1.006	1.539	1.027	6.819	1.048	11.912	1.069	16 825
1.007	1.795	1.028	7.066	1.049	12.150	1.070	17.055
1.008	2.053	1.029	7.312	1.050	12.387	1.071	17.284
1.009	2.305	1.030	7.558	1.051	12.624	1.072	17.513
1.010	2.560	1.031	7.803	1.052	12.861	1.073	17.741
1.011	2.814	1.032	8.048	1.053	13.098	1.074	17.970

Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr	*Sucrose* % w/w
1.012	3.067	1.033	8.293	1.054	13.333	1.075	18.197
1.013	3.321	1.034	8.537	1.055	13.569	1.076	18.425
1.014	3.573	1.035	8.781	1.056	13.804	1.077	18.652
1.015	3.826	1.036	9.024	1.057	14.039	1.078	18.878
1.016	4.077	1.037	9.267	1.058	14.273	1.079	19.105
1.017	4.329	1.038	9.509	1.059	14.507	1.080	19.331
1.018	4.580	1.039	9.751	1.060	14.741	1.081	19.556
1.019	4.830	1.040	9.993	1.061	14.974	1.082	19.782
1.020	5.080	1.041	10.234	1.062	15.207	1.083	20.007

TAQSIMA F

Regolamenti dwar l-Inbid

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar l-Inbid.

Ghan

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-inbejjed u inbid imħallat ma' xorb mhux alkoholiku speċifikati bħala oġġetti dazjabbli bl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

Tifsir

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, u kull frażi oħra għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att;

"kustodju ta' maħżen awtorizzat" tfisser il-persuna li tipproduci nbid b'tali mod li jkun jinħtiġilha li jkollha liċenza skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Inbid.

Cap 436

Konformità ma' l-Att dwar l-Inbid

Cap 436

4. Kull persuna li hija kustodju ta' maħżen awtorizzat ta' l-oġġetti speċifikati fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti għandha tikkonforma ruħha ma' l-Att u ma' kull regolament magħmul taħtu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Inbid.

Registrazzjoni ta' stabbilimenti ta' produzzjoni.
Cap. 436

5. (1) Kull persuna li tipproduċi l-oġġetti speċifikati fir-regolament 2 għandha, b'żieda ma' l-obbligi imposti bl-Att dwar l-Inbid, tirreġistra kull maħżen tas-sisa li fih jiġu prodotti jew ikunu maħsuba biex jiġu prodotti oġġetti bħal dawk skond l-artikolu 9 ta' l-Att u kif regolat bir-regolamenti 4 u 8 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli.

Cap 436

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att japplikaw biss għal detentur ta' liċenza privata skond l-Att dwar l-Inbid u biss għall-inbid prodott skond dik il-liċenza.

Stima ta' dazju.

6. Id-dazju tas-sisa fuq inbejjed imnexxija għall-konsum għandu jitqies, skond l-artikolu 3 ta' l-Att, fuq il-volum f'litri ta'

nbid kif stabbilit fiż-żmien tal-ħruġ għall-konsum.

Punt ta' taxxa fuq fuq inbejjed importati.

7. Kull dazju tas-sisa li jingabar fuq inbejjed importati għandu jitħallas qabel ma dawk l-inbejjed jiġu rilaxxati mid-Dwana, jew inkella jekk dawk jitqiegħdu f'maħżen tas-sisa, qabel ma jiġu rilaxxati minn dak il-maħżen.

Punt ta' taxxa fuq fuq inbejjed prodotti f'Malta

8. Kull dazju tas-sisa li jingabar fuq inbejjed prodotti f'Malta għandu jitħallas mill-kustodju ta' maħżen awtorizzat qabel ma dawk l-inbejjed jiġu rilaxxati għall-konsum jew inkella perjodikament, skond kif jippermetti l-Kontrullur, fuq l-inbejjed rilaxxati matul perijodu speċifiku skond id-direttiva tiegħu:

Iżda fil-kaz ta' l-aħħar, il-ħlas tad-dazju tas-sisa għandu jsir fuq il-formola li qiegħda għal hekk u għandu jintbagħat lill- Kontrullur fi żmien ħamest ijiem wara l-perijodu li jkun ippermetta, liema ħlas ikun ikopri d-dazju kollu dovut fuq il-kwantità ta' nbejjed rilaxxati għall-konsum matul dak il-perijodu.

Żamma ta' records u kontijiet..

9. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Inbid, il-kustodju ta' maħżen awtorizzat għandu jżomm dawk ir-*records* u kontijiet li l-Kontrullur jista' jistabbilixxi, sabiex dan ta' l-aħħar ikun f'qagħda li jivverifika l-ammont korrett ta' dazju tas-sisa li jrid jitħallas fuq l-inbejjed prodotti u rilaxxati għall-konsum lokali.

(2) Il-kustodju ta' maħżen reġistrat huwa marbut li jikkonserva dawn ir-*records* u kontijiet għal sitt snin jew għal dak il-perijodu iqsar li l-Kontrullur jista' jippermetti.

Rendikontijiet.

10. (1) Il-kustodju ta' maħżen awtorizzat għandu jipproduċi lill-Kontrullur -

(i) rendikont perjodiku li jagħti d-dettalji ta' kull bejgħ jew konsenja u ħruġ ieħor ta' nbejjed maħruġa mill-imaħżen tas-sisa matul perijodu kif stabbilit mill-Kontrullur u f'dik l-għamla li l-Kontrullur jista' jordna jew kif xort'oħra preskritt dwar inbejjed;

(ii) rendikont verifikat għal kull perijodu ta' *accounting*, iċċertifikat minn uditur pubbliku ċertifikat, dwar kull produzzjoni, ħażniet miżmuma fl-imaħżen tas-sisa u bejgħ ta' nbejjed magħmul matul il-perijodu ta' *accounting*, fil-każ ta' kustodju ta' maħżen reġistrat, li jkun fih dik l-informazzjoni li tkun preskritta dwar inbejjed.

(2) Iż-żmien ta' perijodu ta' *accounting* ikun ta' sitt xhur jew dak il-perijodu itwal li l-Kontrullur jista' jippermetti jew kif jista' xort'oħra jiġi preskritt u r-rendikont verifikat għandu jasal għand il-Kontrullur fi żmien tletin jum wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' *accounting* li jkun qed jiġi rrapportat dwaru.

(3) Kull min jonqos li jħares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn ħames mitt lira.